MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Numru 469/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Vs**

Emanuel Brincat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Emanuel Brincat ta’ karta ta’ identita’ numru 477987M, akkuzat talli:

Fil-25 ta’ Jannar, 2001 u/jew matul is-snin/xhur precidenti bhala propretarju, u/jew amministratur tal-fond ‘Country Lodge’, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizuluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-

servizz eletrriku u cioe' tal-meter tad-dawl installa fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom seta twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghall-Lm226.80, liema serq huwa aggravat bil-mezz u hin u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Ukoll talli fl-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-istess meter.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq tal-konsum tal-elettriku u hsara fil-meter.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu l-Qorti ssibu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 261(b)(f), 264, 270, 278(1)(3), 326(3) tal-Kap 9 u tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum. Tordna lill-imputat li jhallas Lm270 lill-Korporazzjoni Enemalta fl-istess zmien ta' sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------